# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-21 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 1005/2011**

**Dr Tonio Azzopardi**

**vs.**

**Mary armla ta' Albert Rizzo**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi kien inkariga lil Albert Rizzo biex ibeghlu oggetti b'irkant;

1.2. Illi l-oggetti gew mibjugha b'irkant mill-istess Rizzo, (ara foll 3);

1.3. Illi l-pagament relattiv baqa` ma sarx u ghalkemm kien iffissat inkontru biex jigi finalizzat, dan ma sarx ghaliex sahhet Rizzo marret lura;

1.4. Illi Rizzo kellu jaghti lir-rikorrenti l-ammont ta' tlettax -il elf tmin mija u sitta u sebghin Ewro, (€13,876.00), oltre l-imghax, liema ammont ghadu ma thallasx;

1.5. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-imsemmi kreditu, l-intimata baqghet inadempjenti;

1.6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jintavola din il-procedura biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li r-rikorrenti hu dovut l-ammont fuq indikat rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tal-oggetti tar-rikorrenti minn Albert Rizzo;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimata armla t'Albert Rizzo thallas l-ammont surriferit, bl-imghax mit-28 ta' Frar, 2008;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata datata s-16 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha wiegbet sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwennali *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili;

2.3. Illi r-rikorrenti jrid jipprova li l-gudizzju hu integru u li s-somma minnu mitluba tispetta lilu wahdu;

2.4. Illi skont l-avviz legali riferit, ir-rikorrenti halla l-perjodu ta' tlett (3) snin mis-sena ta' meta gew redatti l-kontijiet jiskadi;

2.5. Illi *di piu`* skont l-istess avviz legali hemm indikat, irkantatur ghandu xahar mill-ahhar gurnata ta' l-irkant biex ihallas lill-bejjiegh;

3. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 86);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata datata t-13 ta' Jannar, 2015, (ara foll 87), flimkien ma nota ulterjuri taghha datata d-9 ta' Gunju, 2015, (ara foll 130);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-10 ta' Marzu, 2015, (ara foll 99), flimkien man-nota ulterjuri tieghu datata l-15 ta' Lulju, 2015, (ara foll 135);

6. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-9 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li l-kawza tista` tithalla ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni, (ara foll 134);

7. Semghet ix-xhieda prodotta *viva voce* u ezaminat ix-xhieda l-ohra pprezentata fid-dikjarazzjonijiet guramentati esebiti;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-vertenza in dizamina hi limitata ghall-epurazzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari bbazata fuq il-preskrizzjoni kwinkwennali indikata fl-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili li jistabblixxi s-segwenti:

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq il-hames snin:

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fid-dawl ta’ l-artiklu suespost, il-fatti rizultanti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi Albert Rizzo kien inkarigat mir-rikorrenti biex ibeghlu xi oggetti bl-irkant, (ara foll 42);

10.2. Illi l-oggetti *de quo* jidhru elenkati f’rendikont a foll 4 *et sequitur* tal-process f’irkant mizjum fl-indirizz hemm indikat, (ara foll 4);

10.3. Illi fil-bidu ta’ Jannar, 2008, Albert Rizzo gie dijanostikat mill-esperti medici li ezaminawh fl-Isptar u li hassew il-htiega li joperawh, (ara foll 53);

10.4. Illi l-istess Rizzo minflok ghazel li jmur id-dar, u hareg elenku ta’ dawk li ghandu jiehu minn ghandhom u ta’ dawk li hu lilhom ghandu jaghti;

10.5. Illi fuq domanda specifika rigwardanti r-rikorrenti, Rizzo jsostni li ma kellu jaghtih xejn, (ara foll 54), bl-eccezzjoni ta’ xi ammonti dovuti ghall-kawzi minnu patrocinati, (ara foll 54);

10.6. Illi l-listi redatti gew ivverifikati tlett (3) darbiet qabel ma Rizzo ghadda ghal hajja ahjar, (ara foll 54);

10.7. Illi ghalkemm kien hemm diversi kuntatti bejn ir-rikorrenti u rapprezentanti tal-familja ta’ l-intimata, r-rikorrenti qatt ma rrefera ghall-mertu tal-procedura odjerna, (ara foll 54);

10.8. Illi meta fis-7 ta’ Frar, 2011, l-istess rapprezentant tal-familja Rizzo ircieva rendikont fuq il-mertu tal-kawza

odjerna, kien ghadda perjodu ta' tlett (3) snin mill-mewt ta' Rizzo, (ara foll 55);

10.9. Illi jirrizulta li l-irkant fejn inbieghu l-oggetti meritu tal-procedura odjerna kien ippubblicizzat li kien ser ikun ezegwit fl-24 ta' Mejju, 1997, (ara foll 56);

Ikkunsidrat:

11. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku anke ghaliex ma giex konfutat li l-irkant in dizamina sehh fis-27 ta' Mejju, 1997;

Ikkunsidrat:

12. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kellu d-dritt li jipprocedi ghall-ammont mertu tal-procedura odjerna mid-data indikata fil-paragrafu precedenti;

13. Illi pero` jirrizulta li l-procedura odjerna ittiehdet fl-14 t'Ottubru, 2011, u kienet biss preceduta minn mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat is-26 ta' Settembru, 2011;

14. Illi konsegwentement, il-perjodu prefissat mill-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili jirrizulta li gie abbundantement superat;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna hi preskritta *ai termini* ta' l-artiklu precitat fil-paragrafu precedenti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

15.1. Tilqa` l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimata;

15.2. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* ta' l-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

15.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

15.4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**